# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 14 ta’ Settembru 2017**

Rikors Generali Nru. 217 / 17 RGM

Kawza fil-lista: 3

**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali**
**vs**
**A B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors generali tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali tat-2 ta' Gunju 2017 li jaqra kif gej:-

Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai terimini ta’ l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta’ Minuri (Kapitolu 410 tal-Liġijiet ta’ Malta) li bih ġiet irratifikata il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili ta’ Sekwestru Internazzjonali ta’ Minuri li kienet ġiet iffirmata f’Aja fil-25 ta’ Ottubru 1980[1].

Illi r-rikors odjern jirrigwarda l-minuri D Michael B C, li twieled fil-15 ta' Marzu 2008 fl-isptar Camden Clerk Memorial, f’ Parkersburg, f’West Virgina fl- Istati Uniti u dan skont kif jindika ċ-ċertifikat tat-twelid (kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dok HS1). Il-minuri hu l-wild ta’ A B C u E G F, li iżżewġu f’Tyler County Courthouse, West Virginia, fl-Istati Uniti fit-8 ta' Mejju fis-sena 2008, liema żwieġ kien registrat u mgħoti numru 2120/2008.

Illi l-fatti kif spjegati lill-esponenti tramite l-applikazzjoni mibgħuta mill-Istati Uniti (kopja hawn anness u immarkata Dok HS2) huma s-segwenti:

[1] Magħrufa bħala l-Konvenzjoni tal-Aja.

a. Illi E F u l-intimat A B C iltaqgħu fl-2006 u fi żmien il-korteggjament hija kienet qiegħda tgħix l-Amerika u huwa kien qed jgħix f'Malta.

b. Illi lejn nofs is-sena 2007, hija ġiet Malta għal vaganzi tas-sajf u ħarġet tqila b'D.

c. Illi l-minuri D twieled f'Marzu tal-2008 fl-Amerika u ġimgħa wara li twieled, il-missier intimat A B telgħa l-Amerika. Ftit wara li wasal l-Amerika l-ġenituri ta' D iżżewġu f'Tyler County Court.

d. Illi għalkemm il-pjan oriġinali kien li l-ġenituri tal-minuri jgħixu flimkien fl-Amerika, dan il-pjan imbidel peress illi l-missier ma xtaqx illi jgħix hemmek.

e. Illi l-A u E esperjenzaw problemi fir-relazzjoni tagħhom u f'Marzu tal-2010 bdew proċeduri għad-divorżju fl-Amerika u fit-13 ta' April inltaħaq ftehim bonarju bejn il-partijiet. Dan il-ftehim ġie approvat minn Qorti fl-Amerika (kopja tal-ftehim anness u immarkata bħala dok HS3).

f. Illi dan il-ftehim kien ukoll ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-kawża fl-ismijiet ***A Andre' B C v. Avukat Patrick Valentino, sussegwentement sostitwit bl-avukat Dottor Anthony Cutajar, u l-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud et nomine*** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2010, fejn din l-Onorabbli Qorti osservat illi:

*Fil-mori tal-kawza il-partijiet waslu ghal-ftehim u permezz ta' skittura privata datata 13 ta' April 2010 huma iffirmaw ftehim fuq diversi aspetti meritu tal-kawza odjerna; u ghalhekk talbu li dak pattwit minnhom jigi nkoporat fil-gudizzju ordjern.*

In vista ta' dan il-ftehim din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur A Andre B Laiveria fit-termini tal-ftehim datatat 13 ta' April 2010 (kopja tad-deċiżjoni hawn annessa u immarkata bħala Dok HS4).

g. Illi f'dan il-ftehim ta' separazzjoni il-parijiet qablu illi il-kura u l-kustodja tal-minuri hija konġunta, basta li il-minuri jgħix l-Amerika u il-missier jkollu aċċess għall-minuri għal perjodu ta' mhux inqas minn xagħrejn imma mhux aktar minn tlett xhur.

h. Illi wara li sar dan il-ftehim beda jidher ċar illi l-minuri beda jsofri minn forma ta' *Autism*, u l-omm bdiet tibża li l-minuri ma huwiex b'saħtu biżżejjed sabiex jivjaġġa bl-ajruplan u dan wara li hija ikkonsultat ma' professjonista.

i. Illi il-missier oppona u fetaħ proċeduri quddiem il-Qorti fl-Amerika u l-Qorti hemmek iddeċidiet li ma kienx hemm raġunijiet serji sabiex l-aċċess skont il-ftehim tat-13 ta' April 2010 ma jsirx.

j. Illi għalhekk il-minuri ġie f'Malta fis-sajf tal-2014, bejn Mejju u Awwissu u reġgħa żar Malta fis-sajf tal-2015, bejn Mejju u Ġunju.

k. Illi l-missier konvenut, A B Laiveria xtaq illi fl-2016 il-minuri jiġi f'Malta għall-ewwel tas-sena minflok matul is-sajf u l-omm ma sabitx oġġeżżjoni għal dan sakemm il-missier jgħin fil-*home-schooling* tal-minuri. Għalhekk f'Awwissu tal-2016, inxtraw il-biljetti ta' l-ajru sabiex il-minuri jiġi Malta fit-30 ta'

Novembru 2016 u jirritorna lura lejn l-Amerika fl-1 ta' Frar 2017 (kopja tal-biljetti ta' l-ajru anness u immarktari bhala Dok HS 5).

l. Illi lejn nofs Frar 2016, ir-rikorrent informa lis-Sinjura F li kien ser iżomm lill-minuri Malta. Id-deċiżjoni li l-minuri jibqgħa Malta ttieħdet b'mod unilaterali min-naħa tar-rikorrent u b'dan għalhekk kiser id-drittijiet għal tutela u agixxa b'mod illeċitu ai termini tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 jiddefinixi 'dritt għal tutela' bħala dak id-dritt li jaffettwa t-tħaris tat-tifel, u b'mod partikolari dak li jiġi deċiż il-post ta' residenza tiegħu'. Skont il-ftehim bejn il-missier A B Laiveria u l-omm E F il-ġenituri għandhom jeżerċitaw kura u kustodja konġunta fuq il-minur u għalhekk l-omm għandha d-dritt ta' tutela kif mitlub mill-Konvenzjoni surreferita.

Illi fil-ftehim datat 13 ta' Aril 2010 jispeċifika illi:

Paragrafu 7(a)

*The care and cusotdy of the minor child is to be entrusted to both parties jointly. The parties agree that the minor is to reside with the wife. The parties agree that the minor's habitual place of residence is the United State, presently at; 18, Michelle Lane, Friendly WV 26146, USA. This agreement is subject that the child is taken good care of and subject to the minor's desire to stay in the USA.*[...]

Paragrafu 7(f)

*The parties agree that the husband has the right to take the minor for a visit to Malta for a period not less than 2 months and not exceeding 3 months annually when the child is not younger than 4 1/2 years of age. The father agrees that upon expiry of the period mentioned herein he is to return the child to his domiciile in the USA. This right is absolute and respected by by both parties unless otherwise agreed between the parties for reasonable cause.*

Illi l-minuri D Michael B qiegħed jiġi ritenut illeċitament hawn Malta mis-sur A B C u dan meta l-*habitual residence* tal-istess minuri hija fl-Amerika.

Illi l-omm għandha d-dritt illi hija tkun parteċipi fid-deċizjonijiet importanti fil-ħajja tal-minuri aktar u aktar tenut kont tal-fatt li hija kienet qed teżerċita d-drittijiet tagħha ta' ġenitur skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti (sew f'Malta u sew fl-Amerika) li huma ibbażati fuq ftehim bejn l-istess ġenituri, liema ftehim jagħmilha ċara illi l-minuri D għandu jirritorna lura lejn l-Amerika u ma jistax jiġi rimoss u irretunt illeċitament f'Malta kif hekk qabad u għamel il-missier.

Illi omm il-minuri applikat mal-Awtorità Ċentrali tal-post fejn għandu l-post tar-residenza l-minuri ċioe l-Istati Uniti għar-ritorn tal-istess minuri u dan ai termini

tal-Aritkolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Aja, u hekk kif jipprovdi l-artikolu sussegwenti, l-Awtorità Ċentrali tal-Istati Uniti fis-5 ta' Mejju 2017 bagħtet l-applikazzjoni direttament lill-Awotrità Ċentrali ta' Malta bħala dak l-istat kontraenti fejn jinsab il-minuri D sabiex jinkiseb ir-ritorn tiegħu.

Illi l-Awtorità Ċentrali ta' Malta ġiet awtorizzata minn l-omm, E F (awtorizzazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok HS6) sabiex tipproċedi kontra l-missier f'Malta u tagħmel dak li huwa permessibbli bil-liġi Maltija sabiex tirritorna il-minuri lejn l-Istati Uniti.

Illi l-esponent Direttur ħa l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jinkiseb ir-ritorn volontarju ta' D lejn l-Istati Unit skont kif dispost fl-Artikolu 7 (c) u 10 tal-istess Konvenzjoni Aja iżda l-intimat rrifjutat milli jirritorna lill-minuri volontarjament.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qiegħed jiġi ppreżentat Mandat t'Inibizzjoni biex iwaqqaf lil missier milli jieħu lil minuri D Michael B C barra minn Malta.

Għaldaqstant, in vista ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tordna r-ritorn tal-minuri D Michael B C lejn l-Istati Uniti fi żmien qasir u r-ritorn isir mill-intimat missier u għandu jirritorna lill- minuri fid-dar residenzjali ta' omm il-minuri Barabara F.

2. Tagħti fil-frattemp dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri konċernati, inkluż avviż lill-awtoritajiet konċernati, biex il-minuri jiġu salvagwardjat milli jerġa jittieħed b'mod illeċitu minn Malta għal pajjiż ieħor, liema tneħħija tagħmel ir-ritorn tal-minuri fil-*habitual residence* tieghu ferm aktar diffiċli u dan bi ksur espliċita tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri.

U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat A B C tad-9 ta' Gunju 2017 li taqra kif gej:-

"Illi t-talbiet tad-Direttur rikorrent ghar-ritorn tal-minuri D Michael B C lejn l-Istati Uniti ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet;

Illi fl-ewwel lok ir-ritenzjoni tal-minuri gewwa Malta mill-esponent ma tistax titqies li hija wahda illecita skont kif ikkontemplat fl-artikolu 3 tal-Kap. 410 u dan

ghaliex id-drittijiet ta' kustodja vantati minn omm il-minuri u li abbazi taghhom intavolat il-proceduri odjerni gew modifikati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversement presjeduta tat-2 ta' Frar 2017 fl-atti tal-medjazzjoni numru 1878/16AL fl-ismijiet A Andre' B C vs Dr. Benjamin Valenzia et noe, kopja ta' liema digriet hija hawn annessa u mmarkata Dok. ISL 1, fejn gie ordnat li l-minuri jibda jirrisjedi permanentement ma' missieru b'access lill-omm li jigi stabbilit meta hi taghmel talba ghal dan il-ghan.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrifjuta t-talba ghar-ritorn tal-minuri abbazi tal-Artikolu 13 tal-Kap. 410 u dana ghaliex il-minuri kien espost ghal hsara psikologika li ppregudikat serjament l-izvilupp tieghu meta kien fil-kura tal-omm u hemm riskju kbir li r-ritorn tieghu lejn l-Amerika ser jesponih ghal dannu psikologiku kif ukoll iqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli, u dan ghal ragunijiet li ser jigu spjegati f'aktar dettal u li ser jirrizultaw minn provi li bi hsiebu jressaq l-esponent.

Illi inoltre hija ukoll x-xewqa espressa tal-minuri illi jibqa' hawn Malta, xewqa li huwa ghandu eta u livell ta' maturita bizzejjed biex jesprimi jekk jinghata opportunita' li jinstema' minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi r-raguni principali li wasslet lill-esponent sabiex jintavola proceduri quddiem il-Qrati Maltin kienet li omm il-minuri unilateralment harget lill-minuri mill-iskola fil-bidu tas-sena skolastika 2015 u bdiet sistema ta' *homeschooling*. L-omm tiggustifika din d-decizjoni taghha fuq il-fatt li skont hi l-minuri ghandu l-awtizmu u li ghalhekk m'ghandux jintbghat skola.

Illi l-esponent, li dejjem kellu rwol attiv fl-edukazzjoni ta' ibnu minkejja r-riluttanza assoluta tal-omm, sa mill-bidu oppona ghal dan u beda jinnota rigress fil-minuri u kellu thassib serju dwar kemm l-interessi tal-minuri qed jigu imharsa u l-bzonnijiet tieghu indirizzati, liema dubji rrizultaw kollha fondati meta huwa rega' ltaqa' mal-minuri meta gabu hawn Malta ghal btala fl-ahhar ta' Novembru 2016 tant li ra rigress sostanzjali fl-izvilupp akkademiku, fiziku, socjali u psikologiku tal-minuri.

Illi l-esponent talab pariri professjonali dwar il-kundizzjoni tal-minuri u gie kkonfermat li ghalkemm il-minuri ghandu *learning difficulties* u x'aktarx skont rizultati klinici d-dijanjosi tiffifletti 'ADHD combined' ma giex stabbilit li huwa *autistic* u li fi kwalunkwe kaz mhux talli m'ghandux jattendi skola, talli huwa biss f'kuntest ta' skola li jistghu jigu indirizzati l-bzonnijiet kollha tal-minuri inkluz dak li jkollu aktar kuntatt ma' tfal ohra sabiex jahdem anke fuq il-hiliet socjali tieghu.

Illi l-insistenza ta' omm il-minuri li l-minuri huwa *autistic* kienet minn dejjem pretiza li hija uzat, a skapitu tal-interessi tal-minuri, sabiex izzomm lill-minuri l-boghod minn missieru, l-ewwel fis-sena 2014 sabiex il-missier ma jezercitax l-access tieghu mal-minuri skont kif gie maqbul bejn il-partijiet, u aktar recenti biex harget lill-minuri mill-iskola wara li l-iskola ma cedietx ghall-pressjoni tal-omm li jitwaqqfu sessjonijiet ta' skype li l-minuri kellu mal-esponent waqt il-hin ta' rekrejazzjoni.

Illi l-bzonnijiet tal-minuri gew traskurati b'mod sever waqt li kien fil-kura tal-omm, specjalment matul il-perjodu li ma kienx qed jintbghat skola, fejn b'ammissjoni tal-istess omm, l-edukazzjoni tieghu kien qed jirceviha primarjament minn *you tube*, u fejn minflok il-programm edukattiv imfassal specifikament ghalih fl-iskola fejn kien qed jattendi u l-attenzjoni individwali li kien qed jircievi, thalla d-dar fil-kura ta' ommu meta din trid tiehu hsieb ukoll ta' zewgt itfal ohra li jirrikjedu attenzjoni kontinwa u li ftit ihallu hin sabiex hija tiddedika ghall-edukazzjoni tal-minuri.

Illi jemergi bic-car li bl-agir taghha l-omm ippregudikat lill-minuri, kif del resto kienet tal-fehma din l-Onorabbli Qorti meta ordnat li l-minuri ghandu jibda jattendi skola hawn Malta u jirrisjedi permanentement ma' missieru l-esponent u li kieku ma kienx ghall-isforzi tal-esponent il-hsara li saret kienet tkun irrimedjabbli. Il-minuri ilu jattendi l-iskola hawn Malta minn Frar tas-sena kurrenti u gie assenjat *shared in class learning support assistant* fil-klassi u l-progress li ghamel huwa konsiderevoli u l-minuri juri li ghandu potenzjal kbir. Huwa proprju ghalhekk li l-minuri m'ghandux jintbghat lura lejn l-Amerika, ghaliex l-isforzi kollha li saru u l-progress kollu li ghamel il-minuri ser jigu mxekkla jekk il-minuri mhux ser jithalla jkompli jibni fuq il-progress li qed jaghmel, taht is-sorveljanza tad-diversi professjonisti li qed isegwuh u taht il-kura ta' missieru l-esponent.

Illi jekk jigi ordnat ir-ritorn tal-minuri lejn l-Amerika, kif qed jintalab minn ommu, hemm riskju kbir li l-minuri ser jerga' ikun espost ghal dannu psikologiku u r-ritorn tieghu lejn l-Amerika ser iqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli in vista ta' dak kollu li ghadda minnu l-minuri f'dawn l-ahhar snin, fejn gie ittimbrat bhala *autistic* minn ommu u b'mod inspjegabbli mcahhad minn trobbija normali, specjalment fejn jidhlu drittijiet bazici bhal dak tal-edukazzjoni, u ma nghata ebda opportunita' sabiex jizviluppa l-potenzjal tieghu anzi kien espost ghal ambjent li wassal ghal rigress qawwi fl-izvilupp u l-hiliet socjali tieghu.

Illi hija ukoll x-xewqa espressa tal-minuri illi jibqa' hawn Malta, xewqa li l-esponent jassumi li l-minuri esprima ukoll meta nstema' mill-Avukat tat-Tfal li ukoll issottomettiet rapport quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversement presjeduta.

Illi ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha fl-interess suprem tal-minuri tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u tichad it-talbiet tad-Direttur rikorrent ghar-ritorn tal-minuri gewwa l-Amerika."

Ezaminat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

Ezaminat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

FATTI ANTECEDENTI L-KAWZA.

L-intimat A B C, cittadin Malti, u E F, cittadina tal-Istati Uniti, omm il-minuri, kienu iltaqghu fis-sena 2006 gewwa West Virginia l-Istati Uniti waqt vizita li l-intimat kien qed jaghmel. Sussegwentement baqghu jikkorrispondu sakemm fis-sena 2007 E F giet Malta ghal vaganza u biex tkun vicin A B C. Waqt dik il-btala harget tqila b'D. Irritornat lura l-Istati Uniti u weldet lil D fil-15 ta' Marzu 2008[2]. Gimgha wara l-intimat mar l-Istati Uniti u zzewgu fit-8 ta' Mejju 2008. Minhabba ragunijiet finanzjarji l-intimat ma setax jottjeni permess ta' residenza fit-tul gewwa l-Istati Uniti.

F'Lulju 2008 iz-zewg genituri gew Malta flimkien mal-minuri. E F tghid li gew Malta sabiex in-nanniet paterni jaraw lin-neputi taghhom. Ghalkemm mhux daqstant rilevanti ghall-proceduri odjerni, jigi rilevat illi ma hemmx qbil bejn il-partijiet jekk f'Lulju 2008 il-koppja u l-minuri gewx Malta biex jibqghu hawn jew inkella gewx ghal vaganza. L-omm xehedet li l-intimat ma kienx zamm kelmtu maghha peress li ghalkemm tghid li kien weghdha li hi u l-minuri kienu ser joqghodu Malta ghal erba' xhur u imbaghad jirritornaw l-Istati Uniti f'Novembru 2008, tghid li l-intimat dam sa Marzu 2009 sakemm xtara l-biljetti sabiex l-omm u l-minuri jivjaggaw lura lejn l-Istati Uniti. Tghid li l-inimtat ma riedx imur lura l-Istati Uniti qabel ma jghaddu xi tlieta jew erba' snin hlief ghal xi vizita qasira fis-sena.

[2] Fol. 48

Ix-xhieda tal-konvenut fir-rigward hi fis-sens illi gew Malta f'Lulju 2008 sabiex jibqghu jghixu hawnhekk: "*Kien ghalhekk li gie deciz li kellna nigu nghixu bhala familja hawn Malta, sabiex inkun f'posizzjoni li nahdem u nghajjex lill-familja. Nannetti kopja ta' ittra li kienet giet ipprezentata lill-Ministeru tal-Edukazzjoni minn E Anne F (Dok. A) li tispjega c-cirkostanzi ta' dak iz-zmien.*

*Meta gejna nghixu Malta konna qbilna ukoll li E u l-minuri kellhom jzuru lill-familja materna tal-minuri gewwa l-Amerika kemm jista' jkun ta' spiss. Fil-fatt ftit jiem wara li D ghalaq sena, E marret l-Amerika flimkien mal-minuri ghal safra li kienet ippjanata (kopja tal-itinerarju anness u mmarkat Dok. B). Xi xaharejn u nofs wara, E kienet infurmatni li ser tapplika ghal divorzju u li ma kinitx ser tirritorna Malta bit-tifel. Dan wassal biex ftaht proceduri legali ta' separazzjoni hawn Malta kif ukoll talba ghar-ritorn tal-minuri taht il-Hague Convention lejn l-ahhar tas-sena 2009.*

*F'Marzu 2010 kont ghamilt arrangamenti sabiex immur l-Amerika u nara lil ibni ghall-birthday tieghu. Sadanittant E kienet applikat ghal divorzju u kont dehert quddiem il-Qorti tal-Familja ta' Tyler County, li min-naha taghha ssospendiet il-proceduri kollha quddiemha minhabba li kien hemm proceduri pendenti quddiem il-Qrati Maltin kif ukoll talba ghar-ritorn tal-minuri quddiem il-Qorti kompetenti ta' West Virginia. F'dak l-istadju E ressqet talba ghal medjazzjoni u wasalna ghal ftehim b'kundizzjonijiet espressi li abbazi taghhom jiena accettajt li nirtira t-talba tieghi ghar-ritorn tal-minuri. Dan il-ftehim gie approvat mill-Qorti tal-Famija, Malta f'Gunju 2010. Il-ftehim dam ftit aktar biex jigi approvat mill-Qorti ta' West Virginia peress li E kienet waslet biex ikollha wild iehor u l-Qorti talbet dikjarazzjoni minghandi li ma kontx il-missier naturali ta' dak il-wild.*

*Il-ftehim kien jipprovdi fost affarijiet ohra li l-kura u l-kustodja ta' D kellha tkun kongunta u dwar ir-residenza kien hemm qbil li D kellu jirrisjedi ma' ommu u li r-residenza tieghu tkun fl-Istati Uniti, u dan bil-patt u l-kundizzjoni li t-tifel jkun mizmum tajjeb u soggett ghax-xewqa tieghu li jibqa' fl-Istati Uniti. L-omm kienet ukoll obbligat ruhha li tippermetti u tinkoraggixxi lit-tifel sabiex izomm kuntatt regolari mieghu u li zzommni infurmat bil-progress tat-tifel fl-iskola u fl-istudji akkademici tieghu.*

*Meta jiena accettajt li l-minuri jirrisjedi ma' ommu gewwa l-Istati Uniti dan kien soggett ghal numru ta' kunsiderazzjonijiet li jiena ghamilt fl-ahjar interess tieghu, tenut kont ukoll tal-fatt li skont il-ftehim maqbul bejni u bejn ommu jiena kelli nibqa' involut fit-trobbija tieghu, f'dawk id-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw l-ahjar interess tieghu, u emmint li kien ser ikun hemm rieda tajba bizzejjed min-naha tal-omm biex tiffacilita' ir-relazzjoni ta' bejni u t-tifel.*"

Fit-13 ta' April 2010[3] iz-zewg genituri iffirmaw ftehim dwar il-kondizzjonijiet tas-separazzjoni u tad-divorzju ta' bejniethom kif ukoll dwar il-minuri liema kondizzjonijiet gew inkorporati f'sentenza ta' separazzjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f'Malta fit-30 ta' Gunju 2010[4] kif ukoll f'Ordni ta' Divorzju mahrug mill-Qorti tal-Familja gewwa Tyler County, West Virginia fl-10 ta' Dicembru 2010[5].

Fir-rigward tal-minuri l-partijiet ftehmu *inter alia* dan li gej:-

"The care and custody of the minor is to be entrusted to both parties jointly. The parties agree that the minor is to reside with the wife. The parties agree that the minors' habitual residence place of residence is in the United States." [sottolinear tal-Qorti]

"The parties agree that the husband has the right to take the minor for a visit to Malta for a period not less than 2 months and not exceeding 3 months annually when the child is not younger than 4 ½ years of age. The father agrees that upon expiry of the period mentioned herein he is to return the child to his domicile in the USA." [sottolinear tal-Qorti]

In forza ta' dan il-ftehim approvat mill-Qorti Maltija u dik Amerikana, il-minuri gie ghall-access ma' missieru f'Malta f'Mejju 2014 sa' Awissu 2014 b'decizzjoni tal-Qorti Amerikan wara li l-omm kienet irrifjutat li thalli lill-minuri jivjagga lejn Malta ghaliex sostniet illi l-minuri kien gie certifikat li "D meets diagnostic criteria for Pervasive Development Disorder Not Otherwise Specified."[6] Il-minuri rega gie Malta f'Mejju 2015 sa Lulju ta' l-istess sena sa Settembru. F'dak iz-zmien omm il-minuri avzat lill-missier illi ma kenitx ser tibqa' tibghat lill-minuri l-iskola izda applikat sabiex jibda jircevi 'home schooling'. L-intimat ma qabilx ma' dan peress illi l-professjonisti li kienu ezaminaw lill-minuri waqt li kien Malta ghall-access mal-missier, fosthom il-Psikologa Dr Elena Tanti Burlo' kienu emfasizzaw l-importanza li l-minuri jissocjalizza.

Il-missier xehed illi aktar ma beda ghaddej iz-zmien l-omm bdiet aktar tipprova taqtghu minn mat-tifel u ma tatihx informazzjoni dwar l-andament edukattiv tieghu. Kien jikkomunika mat-tifel fuq skype meta l-minuri kien ikun ghand in-nanna maternal ghaliex l-omm kienet tirrifjuta illi thalli lill-minuri jikkomunika ma' missieru fuq Skype meta jkun ghandha.

---

[3] Kopja tal-ftehim datat 13 ta' April 2010 iffirmat mill-partijiet quddiem nutar pubbliku gewwa l-Istati Uniti tinsab ezebita fl-atti tal-medjazzjoni.

[4] Fol. 55

[5] Fol. 50

[6] Fol. 57 u Fol. 62: Rapport mediku rilaxxjat fil-25 ta' April 2013 minn Chirldren's Hospital of Pittsburgh taht il-firma tal-Psikologa Lisa T. Rendall; u rapport mediku rilaxxjat fil-5 ta' Jannar 2014 minn Wheeling Hospital taht il-firma ta' Dr Juduth Romano.

Il-missier zamm kuntatt mal-edukaturi tal-minuri fl-iskola tieghu ta' Belmont, Ohio fejn il-minuri attenda fis-sena skolastika 2014 – 2015.

Fis-sena 2016 l-intimat talab lil E F sabiex ghal dik is-sena l-minuri jigi Malta ghal vaganzi tal-Milied minflok matul is-Sajf ta' wara. E F accettat u ghalhekk gie miftiehem illi l-minuri jigi Malta fit-30 ta' Novembri 2016 ghal ftit xhur minflok fis-Sajf tas-sena 2017. In vista ta' dan l-arrangament fit-23 ta' Awissu 2016 l-intimat qata it-tickets tal-ajru sabiex fit-30 ta' Novembru 2016 jigbor it-tifel minn Pittsburgh u jivjagga lejn Malta via Londra, u l-vjagg ta' ritorn gie prenotat ghall-1 ta' Frar 2017[7]. Il-minuri ghalhekk kellu jaghmel Malta xahrejn u jirritorna ghand ommu fl-Istati Uniti.,

Dwar dak l-episodju il-missier jghid hekk:

*"D rega' gie Malta f'Novembru 2016 ghal vista li kienet ippjanata bejn it-28 ta' Novembru 2016 u t-2 ta' Frar 2017. Jiena wasalt l-Amerika fil-25 ta' Novembru 2016, thallejt nigbor lil D minghand in-nanna materna tieghu fit-28 ta' Novembru 2016 u tlaqna mill-Amerika fit-30 ta' Novembru 2016 u wasalna Malta fit-2 ta' Dicembru 2016. Din id-darba D deher anzjuz hafna u herqan biex nitilqu lejn Malta u kont ftit sorpriz. Meta konna fi triqtna lejn l-airport staqsa ghaliex kellu jistenna daqshekk biex jigi Malta u jekk setghax jqatta' aktar zmien Malta. Ghall-ewwel hsibt li dan kien frott tal-entuzjazmu li kellu izda matul il-vista baqa' kontinwament jesprimi xewqa li jibqa' Malta ghal aktar zmien.*

*Mill-ewwel jiem tal-vista kien evidenti ghalija li D kien lura hafna f'dak li jirrigwarda hiliet bazici kemm mil-lat akkademiku bhal handwriting u qari kif ukoll dawk personali bhal igene. Dan kien evidenti ukoll ghal dawk qrib tieghi li nnotaw rigress f'D. Peress li D baqa' jesprimi x-xewqa li jibqa' Malta ghal aktar zmien, hassejt li kelli niddiskuti dan ma' ommu li ma qablitx, ghal ragunijiet li ftit kienu motivati mill-interess ta' D (kopja annessa u mmarkata Dok. P).*

*Fid-dawl ta' dak kollu li kont qed nosserva hassejt li kelli niehu azzjoni sabiex nipprotegi l-interessi ta' D kif ukoll nagixxi skont ix-xewqa tieghu li jibqa' hawn Malta. Kien ghalhekk li ftaht proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja u tlabt li D jibqa' hawn Malta. F'dan l-isfond nirrimarka li meta accettajt li l-minuri jirrisjedi ma' ommu fl-Amerika dan kien bl-intendiment li hija tiehu hsiebu kif suppost kif ukoll bil-kundizzjoni li D jkun jixtieq jibqa' jghix fl-Amerika. Dan kif jirrizulta mill-klawsoli 7(a) u (b) tal-kuntratt: "The parties agree that the minors' habitual place of residence is in the United States, presently at; 18, Michelle Lane, Friendly WV 26146, USA. This agreement is subject that the child is well*

[7] Fol. 67

*taken care of and subject to the minor's desire to stay in the USA" u "The child's permanent residence is also subject to change if the domicile is deemed inadequate or unsafe for the child's well being or the inability of either parties; being the mother or the father at the time, to take proper care of the child's best interest."*

*L-assessment psikologiku li sar mill-psikologa Sharon Vella Camilleri indika bic-car li l-livell akkademiku ta' D ma kienx dak mistenni tenut kont tal-potenzjal tieghu. Gie konkluz ukoll li aktar minn awtizmu D ghandu ADHD-Combined (kopja tar-rapport anness u mmarkat Dok. Q)."*

Il-missier xehed li l-minuri beda jinsisti mieghu li ried jibqa' hawn Malta peress li fl-Istati Uniti ma kienx ghadu qed jattendi l-iskola u m'ghandux hbieb.

Fid-9 ta' Dicembru 2016, u cioe' ftit jiem wara li l-minuri wasal Malta ghall-access favur il-missier, il-missier ipprezenta ittra ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li taqra kif gej:-

*"Sur Registratur,*

*Bil-prezenti A Andre B C ta' 7, Triq Marrubja Housing Estate, Zejtun qed iressaq din it-talba a tenur tar-Regolament 9 ta' l-Avviz Legali Numru 397 tal-2003, sabiex jigi awtorizzat jintavola proceduri sabiex inter alia jitlob li jigi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri iben il-partijiet D Micheal B C li twieled fil-15 ta' Marzu 2008 (kopja tal-att tat-twelid anness u mmarkat Dok. A).*

*Illi l-partijiet kienu kkonkludew ftehim dwar il-kura u kustodja, residenza, access, u manteniment ghall-imsemmi minuri liema ftehim kien gie approvat minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' sentenza tat-30 ta' Gunju 2010 (kopja tal-ftehim relattiv anness u mmarkat Dok. B).*

*Illi l-minuri prezentement qieghed hawn Malta u l-esponenti ghandu thassib serju dwar it-trobbija li qed jinghata l-minuri mill-intimata u fl-umli opinjoni tal-esponenti jezistu cirkostanzi gravi btzzejjed sabiex jirnmeritaw li din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tal-kaz, kif qed jigi spjegat f'aktar dettal fir-rikors ipprezentat kontestwalment.*

*Inti ghaldaqstant gentilment mitlub tressaq il-kaz quddiem l-Onorabbli Qorti sabiex esponenti jigi awtorizzat jipprocedi b'kawza sabiex jitlob li jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Zader B C, prevja n-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti."*

Fl-istess jum, u cioe' fid-9 ta' Dicembru 2016 l-intimat jipprezenta rikors quddiem il-Qrati Maltin fejn jitlob in-nomina ta' psikologa sabiex jigi ezaminat l-idonjeta' tas-sistema edukattiv li l-omm qed timplimenta fuq il-minuri u cioe' "home schooling", kif ukoll sabiex pendenti l-ezitu tal-proceduri minnu istitwiti hawn Malta, il-minuri D jirrisjedi mieghu u jezercita l-kura u kustodja pendent lite. Wara li din il-Qorti diversament presjeduta innominat lill-Psikologa Carmen Sammut li irrilaxxjat ir-rapport peritali taghha fil-11 ta' Lulju 2017, l-istess Qorti b'digriet tat-13 ta' Lulju 2017 ordnat li l-minuri "jibqa' jircevi l-home schooling" u cahdet it-talbiet tal-missier sabiex jinghata l-kura u kustodja esklussiva fuq it-tifel *pendente lite*.

Fit-18 ta' Dicembru 2016 fil-11:21AM, disat ijiem wara li l-intimat kien fetah proceduri gudizzjarji hawn Malta, l-intimat baghat lil E F email li taqra kif gej:-

*"Hi. So I need to address something D has been insisting on since we started driving at the airport which ties up with the first phone call.*

*D would like to stay here longer, and the reasoning seems genuine, "to be here for his birthday, everyone else's birthday and the wedding"*

*I fenced with him and discussed with him and he understands that if he stays over he will be going to school etc.*

*On my part I was candid and clear with him and he has made it clear to me that he is not fooling around. After discussing we have come to an agreement he seems to like. Simply put, he wishes to spend a year here and would like you to agree.*

*I think this is an opportunity for all. D would greatly benefit from a fuller experience here in Malta while he goes to school and participates in sports. He is getting great at Chess and with practise I believe he could do something with it.*

*On a personal note it would make me happy also if you could agree to this, naturally you would need to agree to him going to school and sign papers for that and you would have full access and visibility on everything, as a joint parent I cannot operate alone on such decisions. Also Skype and video chatting would be forthcoming, as always, from my end if you would participate to them.*

*Well that was it I kept my word to D, now its up to you.*

*Let me know your thoughts.*

*A*

*P.S. D asked again for a KillA and Henry picture.”*

Ma jsemmi xejn fl-email tat-18 ta' Dicembru 2016 illi ftit jiem qabel kien istitwixxa proceduri gudizzjarju f’Malta sabiex izomm lill-minuri hawn Malta.

E F irrispondiet dakinhar stess fit-12.27PM kif gej:-

*“I’m sorry but my answer is no.*

*You may only have D to think about but I have 2 other children who would suffer. I'm thinking of my entire family when I say no. D is still young. No. D has a lot of issues and he doesn't truly understand the concept of time and what all this entails. So no.*

*And he told me just yesterday that he wanted to come home and missed us. Henry is only 2 and he would forget D and I'm not willing to allow them to lose a strong bond that they have. We might be able to discuss this when D is a teenager but at 8. No.”*
Jirrizulta mill-atti illi fit-30 ta' Jannar 2017 l-intimat A B C kien baghat is-segwenti email lill-omm il-minuri javzaha illi kien qieghed unilateralment jestendi l-vizita tal-minuri gewwa Malta sat-3 ta' Marzu 2017:-

*“Hi Again,*
*Before you go ballistic flinging threats and mounting an unnecessary crusade please hear all the facts.*

*I have chosen to make use of the maximum access time allowed in terms of our custody agreement and extended D’s stay till the 3rd of March, which is now the scheduled date of the flight. Also it’s a good thing that this happened in a way since if you switch on the news airports atm are quite a mess.*

*I am attaching all the relative details ctearly outlining rny arrangements and showing that, contrary to your claims, I did not intend to withhold D, my plan was to return him on the 1st February as I had originally advised. However as I mentioned D felt the time was too short and was very vocal about wanting to stay longer. Therefore I am sirnply acting in accordance with D’s wishes and further to his best interest, which I will safeguard by all legal means necessary. I believe D's opinions and feelings in this issue matter and should not be dismissed outright. Is it that hard to believe that D wishes to spend some more time here? It’s not like you make access very flexible and easy. Also the changes to the flights cost quite a bit but that is immaterial where our son's well being is involved.*

*B is the Old one*

*A is the New one*

*While I re-iterate my belief that we should remain in cornmunication and focus on cooperating in the best interest of our son. I do not feel that it is productive to engage further in endless communications defending myself against your insistence that every negative impact to our son's emotional and psychological welfare is squarely attributable to me, when you clearly do not have sufficient insight into the true nature of our son's difficulties pr whether he gets to have a say on things.*

*I hope that this gives clarity to my intentions.*

*Take care."*

Ghal darb'ohra l-intimat ma jsemmi xejn lill-omm illi kien fetah proceduri gudizzjarji hawn Malta sabiex il-minuri ma jirritornax lura l-Istati Uniti. Ghal kuntrarju, fuq it-ticket tal-vjagg tar-ritorn tal-minuri tbiddlet id-data tal-vjagg ghat-3 ta' Marzu 2017[8] u baghat kopja tal-emenda lill-omm.

Kien biss fid-19 ta' Frar 2017, u cioe' anqas minn gimghatejn qabel mal-minuri kellu jirritorna lura ghand ommu fl-Istati Uniti li l-intimat avza lill-omm bil-hsieb tieghu li jitlob lill-Qrati Maltin sabiex izomm lill-minuri hawn Malta b'mod permanenti. L-email taqra kif gej:-

*"Dear E,*

*You should have already been informed through official channels, but in case you have nat been contacted due to bureaucratic delays, I believe it opportune to reach out to you directly and update you with recent devolopments.*

*Following consideration of D's circumstances, stemming from recommendations made by a Children's Lawyer appointed to D to represent him in his best interests, a Court has rnandated that D remains in Malta on an indefinite basis.*

*Attached is the relevant Court's Decree and a copy af the submission which was made to court.*

*There are pending court proceedings for which you may participate as you see fit.*

[8] Fol. 74

*In the meantime, I invite you to maintain an open and consistent channel of communication with both D and myself in the interest of ensuring that D benefits from access to both parents.*

*Thanks and regards, A."*

Fl-24 ta' Marzu 2017 E F ipprezentat mal-awtoritajiet Amerikani kompetenti l-applikazzjoni sabiex jinbdew proceduri gewwa Malta taht il-Konvenzjoni tal-Ajja dwar l-Aspetti Civili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri iffirmat fil-25 ta' Ottubru 1980. Din l-applikazzjoni inbaghtet mill-Awtoritajiet Amerikani lid-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali f'Malta li min-naha tieghu istitwixxa l-proceduri odjerni fit-2 ta' Gunju 2017 fejn qed jitlob ir-ritorn tal-minuri lill-ommu gewwa l-Istati Uniti.

Ir-rikors tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali f'Malta gie appuntat ghas-smiegh ghad-9 ta' Gunju 2017.

Fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2017 xehedet il-Psikologa Klinika Sharon Vella fejn spjegat li f'Jannar u Frar 2017 fuq talba tal-missier ezaminat lill-minuri u minn analizi li ghamlet tal-minuri hija waslet ghall-konkluzzjoni illi l-minuri ma jbatix minn awtizmu izda minn ADHD u probabilment huwa wkoll dyslexic. Emfasizzat hafna illi tifel b'dik il-kondizzjoni jkun ahjar illi jattendi regolarment skola u mhux ikollu 'home schooling' ghaliex b'tali mod ikun jista' jissocjalizza u fl-istess hin ikollu l-assistenza fil-klassi sabiex jigi meghjun jibqa' bilqeghda.

Il-Psikologa Klinika Carmen Sammut giet mahtura sabiex tirrelata dwar l-allegazzjoni tal-intimat illi jekk il-minuri jigi ritornat ghand ommu fl-Istati Uniti ser ikun espost ghall-hsara psikologika li tipregudika serjament l-izvilupp tieghu. Giet mahtura wkoll sabiex tirrelata dwar l-allegazzjoni tal-missier illi hemm ukoll ir-riskju kbir li r-ritorn jesponih ghal dannu psikologiku u jqiegheд lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli. Ir-rapport peritali huwa kif gej:-

*"Nibda mal-ewwel billi nghid li naqbel ma' dak li qed jigi allegat li qed issir hsara psikologika li ppregudikat serjament l-izvilupp" tal-minuri D B C, biss ma naqbilx kompletament mar-ragunijiet li hemm fir-risposta hawn fuq imsemmija. Bhala psikologa li osservajt u ezaminajt lil D, jidher li veru hemm affarijiet li qed jaffettwaw il-mod kif qed jizviluppa D, biss kemm l-osservazzjonijiet li kelli mieghu, kif ukoll meta wiehed jifli sew l-atti, jidher li fattur li zgur qed jikkontribwixxi ghad-diffikultajiet li ghandu D hija s-sitwazzjoni li hemm bejn iz-zewg genituri. Din is-sitwazzjoni qed tohloq incertezzi kbar fit-tifel ghax qiesu qatt ma sab ambjent stabbli bizzejjed biex hu jkun jista' jikkoncentra iktar fuq affarijiet li huma iktar adegwati ghall-izvilupp tieghu. Ma jafx x'ser jigri ghada allura difficli biex hu jkun jista' jissettilja u jaghmel mohhu hemm. Mill-ezami ta'*

*zvilupp li ghamilt, jidher ovvju li hu ghandu potenzjal meta hu jkun jista' jikkoncentra fuq l-affarijiet tieghu- imma emozzjonalment tant huwa vulnerabbli li ma l-anqas 'trigger' hu jirreagixxi jew jitlef l-attenzjoni/interess. Filwaqt hemm possibilita sew li hemm xi diffikultajiet f'certa oqsma, bhala fl-attenzjoni, li jistghu iziedu l-frustrazzjoni tieghu, tant hu vulnerabbli emozzjonalment li wiehed ma jistax jasal ghal konkluzzjonijiet cari dwar x'inhuma l-bzonnijiet intelletwali tieghu. Zgur hemm aspett 'oppositional' li qed jizviluppa fih, osservazzjon li ghamlitha wkoll il-psikologa li kienet ukoll assessjatu qabel, li jien inhoss li hija frott ta' dak li qed ighaddi minnu fil-hajja fil-familja tieghu. Jikkontrolla dak li jista' ghax wiehed irid jifhem li hu qieghed f'sitwazzjoni li zgur li hu ma jixtieqx ikun fiha, fin-nofs bejn zewg genituri li qed jiggieldu fuqu ghax it-tnejn jahsbu li ghandhom il-bzonnijiet tieghu ghal qalbhom!*

*Avolja jidher li ilha tigi osservata diffikulta fl-izvilupp socjali tieghu, xi haga li giet anki implikata fl-evalwazzjoni li ghamilt jien, hija ftit difficli jigi motivat D jaghmel hbieb meta ma jafx jekk mhux ser ikun kapaci jibqa' hemm biex igawdihom. Li jaghmel hbieb mhijiex xi haga li tigi naturali ghal D, trid sforzi minghandu li hu jrid veru jkun motivat biex jaghmilhom, u l-ambjent li ilu jghix fih mhux qed joffrilu stabbilita bizzejjed biex jipprova. Jekk kelli nikkummenta ftit dwar id-decizjoni tal-'home schooling', zgur tidher li mhijiex l-ahjar mod kif hu jiehu l-formazzjoni edukattiv tieghu ghax zgur ser tizolah iktar meta hu ghandu diga sfidi sinifikanti f'dan il-qasam. Biss zgur li ghandu bzonn iktar stabilita biex hu jkun jista' ihossu li jrid jinvesti iktar fdan il-qasam, zgur ukoll li ghandu bzonn ghajnuna individwali biex ikollu esperjenzi socjali li huma iktar pozittivi. Kien hemm diskrepanza bejn dak li rraporta missier D, A B C, fejn qal li qed iaghrnel hbieb l-iskola, ghal dak li rrapporta D fejn qal li mghandux hbieb.*

*Id-dokumenti fl-atti juru li omm D qatt ma bdiet tikkonsidra 'home schooling' bhala haga permanenti, imma iktar bhala soluzzjoni temporanja ghal sitwazzjoni fl-iskola fejn kien qed imur li ma setghux joffru dak li ghandu bzonn D biex jiffunzjona ahjar. U allura jidher li kulhadd qiesu qed jifhem li l-ahjar mod ta' edukazzjoni hija dik gewwa skola formali, fejn itieh ic-cans li jissocjalizza ma' tfal ohra tamparu. Biss xorta hija ftit inkwetanti li wara li dan it-tifel ilu tant jigri, minn kontinent ghal iehor, ser ikollu jipprova jissettilja f'belt gdida ghalih, fejn ma jaf lil hadd ghal darb' ohra, lura f sistema edukattiva ohra li ser jigi espost ghaliha, wara il' hafna li diga esperjenza. Mhux ta' b'xejn qed jipprotesta!*

*Nikkonkludi billi nghid li zgur li dak li ghandu bzonn D huwa li l-genituri tieghu jifhmu li ghandhom bzonn jaslu ghal soluzzjoni bejniethom dwar id-differenzi taghhom biex ihallu lil D irabbi l-gheruq gewwa l-post li hu jkun jista' jsejjah 'home'. Dan mghandux bazi stabbli mkien, li jista' jsejjah bhala daru, u zgur li dan huna l-bzonn principali tieghu bhalissa. U jekk qed issir hsara psikologika,*

*kif gie allegat, gejja mis-sitwazzjoni ntollerabbli li sab lilu nnifsu D meta qed ihossu mgebbed minn kull naha minghajr l-opportunita li jissetilja mkien."*

Isegwu siltiet mill-eskussjoni tal-Psikologa Sammut:

*"..., ma hemmx direct link li ser issirlu aktar hsara ghax imur lura l-Amerika. Bl-istess mod ma jfissirx li ser issirlu inqas jew aktar hsara jekk jibqa' Malta....kien hemm report iehor illi waqt is-session it-tifel stess pinga, qabad bicca, wahdu spontanju, jigifieri karta zghira u pinga s-sitwazzjoni li fil-fatt in sticks figures li qieghed fiha u li lilu qed tohloqlu, jigifieri mhux ghax jien staqsejtu, jigifieri kien hemm anke l-papa' fil-kamra, fejn kiteb, pinga zewg figures u ghamel mum one vs mum two u mbaghad zewg figures ohra tahthom A vs Josh. Jigifieri l-aktar issue illi qed tohloqlu hsara allura ma nistghux bniedem jaghmel konkluzjoni diretta illi jekk imur hemm hekk jew jekk jibqghu hawn hekk ha ssirlu aktar hsara ser tonqos il-hsara li hija issue edukattiva biss, akademika biss ghax l-issue l-aktar li qed taghmilu hsara hija l-fatt illi hawn dan il-glied u hawn dan il-hafna giri, mid-dehra ilu ghaddej dan snin illi dan it-tifel ma jafx ezattament fejn hu."*

*"……Jidher li t-tifel imdejjaq hafna anke b'dan kollu li hu ghaddej, xi ftit jew wisq. Ifhmni, jekk, jien l-ewwel qisu kkonkludejt ukoll dwar it-tip ta' sistema li kienet qed tforri l-mama' bhala home schooling naturalment ma taqbilx mal-bzonnijiet tieghu ghax jidher zgur li ghandu diffikultajiet fis-socialization process tieghu. Dik zgur. Allura din mhux ser tghin li jitghallem issahhah l-iskills is-social skills tieghu jekk xejn. Imma anke l-mama' meta qed naqra l-process qatt ma qalet jiena home schooling biss irrid naghmilu, imma qalet din kienet posizjoni li jien hadt minhabba li l-iskola fejn qieghed hija zghira u ma tistax tofrilu ghall-bzonnijiet individwali tieghu. Imma qalet li mbaghad ha nibaghtu semmiet post iehor fejn tmur, imbaghad nibaghtu go skola formali. Jigifieri anke l-omm mhux qed tghid isma' jiena homeschooling, imma anke din il-bidla, jigifieri, dan it-tifel diga' hija difficili ghalih li ghamel hbieb. Jigifieri jekk dan ghamel ftit hbieb fil-bidu l-ewwel snin, imbaghad il-mummy hargitu ghax forsi kien hemm certu challenges ta' komunikazzjoni ma' shabu, hargitu, jigifieri ried jaddata ghal sistema ohra. Imbaghad issa gie hawn hekk go sistema kompletament differenti f'kultura differenti, fl-istess hin jidher li sejjer mhux hazin, jigifieri fit-test jekk bniedem jara r-report l-iehor li ghamilt fejn hemm ir-rizultati tal-assessment li ghamilt, it-tifel jidher li qed jitghallem jew itghallem…."*

*"....u jien ghamiltlu information fuq informazzjoni Amerikana skont l-original u ghandu hafna informazzjoni, l-oghla score li gab, jigifieri qed jitghallem xi haga dan it-tifel zgur. Jigifieri bhala verbal skills gab aktar minn average, jigifieri bhala information, jigifieri ma nistghux nikkonkludu li din is-sistema li qed tipprezentalu l-mummy ma tghallimx. Anke jekk hawn hekk sejjer tajjeb u qed*

*jghaddi minn certu ezamijiet ma jfissirx li dan it-tifel f'daqqa wahda fi zmien ta' ftit xhur ara kemm tghallem affarijiet, qed jitghallem hawn hekk ukoll, imma tfisser ukoll li kien gia kellu certu knowledge. Il-bicca xoghol jiena zgur bhala psychologist l-akbar concern li ghandi li jidher li hemm tracci ta' depression fit-tifel. Jigifieri anke din l-oppositional behavior tieghu ghax hu ma kienx aggressiv, jigifieri ha din il-posizjoni, anke din it-tpingija, jigifieri zgur it-tifel he is, qed juri certu sinjal ta' depression li gejja minhabba s-sitwazzjoni. Anke l-profile li hareg tal-learning style tieghu, id-diskrepanza bejn il-verbal skills u l-performance skills, il-performance skills jigu affettwati hafna jekk ikun hemm xi depression ghax is- psycho motor processing jisslowja allura ma jkunx jista', dawk huma anke hemm il-hin ta' kemm irrid biex ilestihom. Jibda jitlef hafna mill-abbilta' biex jaghmel certu konkluzjonijiet fuq il-performance skills. Jigifieri dik l-aktar concern. Issa jiena ma assessjatux qabel meta kien l-Amerika, jigifieri ma ghandix report illi t-tifel kien kellu l-istess diffikultajiet, jigifieri ma nafx jekk mhux hawn ghax qieghed hawn hekk huwa depressed. Zgur li qieghed depressed minhabba s-sitwazzjoni, minhabba li ma jafx x'ser jigri dan it-tifel. Jigifieri anke ghalfejn, diga' hija challenging li ghamel hbieb, ghalfejn ghamel hbieb meta ma jafx jekk hux ser jibqa' hawn jew le. Lanqas juri interess li jaghmel hbiberiji ghax ma jafx fejn ha jibqa'. Il-mama' qed tghid illi jekk jitla' jista' ikun tmur go belt ohra, jigifieri jrid jaghmel dan l-effort kollu biex forsi jiprova jahdem u jizviluppa ftit l-iskills tieghu biex imbaghad jerga' imur post iehor li ghandhom kultura differenti, jerga' skola totalment differenti, jigifieri dan ic-caqliq kollu zgur li dan it-tifel qed jaghmilu hafna hsara. Anke meta jigi jitrevilja dawn id-distanza kollha anke biex jara lill-papa' f'dik l-eta'. Anke jekk ha jerga' imur lura, imma tant hemm caqliq u tant hemm certu diffikulta' fir-relazzjoni bejn l-omm u l-missier li jista' ikun li t-tifel dejjem ikollu hafna ansjeta' dwar x'ser jigri jigifieri dik l-aktar problema u qisu jekk thallih hawn Malta mod u jekk ha jmur hemm hekk naturalment dak li qed jibda jinvesti hawn hekk ha jitilfu imma dak li investa l-Amerika mal-mama' u l-familja taghha wkoll tilfu, jigifieri dan it-tifel mitluf bhalissa, jigifieri dik l-aktar haga li qed taghmel hsara. It is not a clear question ta' isma' jekk imur hemm hekk li ha jkun ahjar jekk ha jkun hawn hekk l-iskola ha jkun ahjar. It is not that clear. Sakemm il-genituri ha jibqghu jiggieldu u t-tifel ma jistghux jaghtuh a base...."*

*"...... minn kontinent ghal iehor. Dik nahseb li hija l-aktar issue li ghandha bzonn li tigi ndirizzata. U mbaghad issir assessment biex naraw x'inhuma l-bzonnijiet individwali tieghu ghall-iskola. "*

*".....Filwaqt li zgur li jirrizulta bic-car u jekk hemm ukoll emotional difficulties li qed jinterferixxu ha tigi affettwata din ukoll hija li hemm diffikulta' li hija wake attention kemm auditory attention u kemm il-visual attention. It-tnejn gew bejn dull u low average. Jigifieri zgur jekk kellna naghmlu xi tip ta' assessment zgur nghidu li dan it-tifel ghandu bzonn ikollu xi hadd mieghu biex jghinu fl-attenzjoni.*

*Biss it-tfal li jkunu emotionally distressed ukoll juru dawn is-sintomi….. U t-tfal jekk ikun hemm dawn l-affarijiet ha johdulhom hafna mill-attenzjoni, mill-energija li huma suppost qed jaghtu fuq id-developmental tasks taghhom. Dawn, mhux mohhu fl-iskola, dan mohhu fil-glieda bejn il-mama' u l-papa' u l-futur tieghu. Dik zgur ha taffettwa.*

*"…..biss ma tanix l-idea li t-tifel huwa autistic, jigifieri kellu, meta kien qed jikkopera kellu good eye contact, il-verbal skills tieghu huma tajbin, seta' jirrispondi fuq il-mistoqsija li qed tistaqsih li normalment it-tfal fejn ikun hemm aktar awtizmu aktar qawwi ha jkunu aktar maghluqin ftit fid-dinja taghhom, eye contact is usually poor, jigifieri ma nghidx hekk, imma zgur illi emotionally it-tifel ghandu diffikultajiet, jigifieri li jista' ikun qed jaffettwaw l-attention….."*

*"….Jidher ilu jkun hemm diffikultajiet bejn il-genituri u t-tfal ihossu l-friction bejn il-genituri. Dawn tifel li aktar u aktar is-security tieghu min jaf kif tigi attakkata illi jicaqlaq minn genitur, tghid ha nigi lura ma' dan il-genitur, tghid ha narah lill-papa', tghid ha naraha lill-mama', min jaf x' insecurity ghandu. Jekk kien hemm, jekk hemm xi haga li nista' nghid li hemm riskju fejn jizviluppa bhala disorder, hija emotional behavior disorder, EBD. Jigifieri jekk kien hemm xi haga li bhalissa hija very, very high risk….."*

Fit-13 ta' Lulju 2017 il-Qorti ta' West Virginia, Stati Uniti, tat l-ordni segwenti:-

"Order finding jurisdiction within the United States Courts

On the 13th day of July 2017, came the petitioner, E Anne F, in person, and through her undersigned counsel, Elgine Heceta McArdle, Esquire, who appeared telephonically; as well came the Respondent A Andre Sichuan C, via telephone and by and through his counsel Walter A. Angelini, Esquire, who also appeared telephonically for a hearing set that day by the court, for an initial hearing to determine jurisdiction under the Hague Convention.

Whereas, the Court reviewed all the pleadings and responses thereto on the issue of jurisdiction under the Hague Convention;

Whereas, both counsel for Petitioner and counsel for Respondent made their respective proffers on their perceived status of the case in the Malta courts;

Whereas, the court considered the arguments made by counsel;

Now therefore, based upon the prior orders of this court, the pleadings filed, and the proffers from counsel, this Court takes the following findings of fact and conclusions of law:

*1. The Courts, both within Malta and the United Sbtes, concurrently entered a parenting order which provided that the minor child's primary residence was with his Mother in the United States with parenting time afforded to Father in Malta.*

*2. That on or about December, 2016, Father exercised parenting time with the minor child, by agreement in Malta. Father has retained the minor child in Malta since December, 2016.*

*3. Prior to December 2016, the habitual residence of the minor child was in Woodsfield, Ohio, United States, having spent nine years of his life living in the United States.*

*4. The United States Courts are willing to act and protect the child and to exercise jurisdiction over any defenses filed by Father in the Malta Courts under the principles of the Hague Convention.*

*5. This Court finds that Father's petition to modify the parenting plan should be heard in the United States by virtue of the minor child's habitual residence in this case.*

*6. This Court concludes that the United States Courts have superior jurisdiction to the Malta Court and thus will act to address any pleadings for modification filed by Father in the United States Courts.*

*Wherefore, based upon the foregoing, it is hereby ordered, adjudged and decreed that:*

*1. The United States Courts have superior jurisdiction, to the Malta Courts based upon the habitual residence of the child in Woodsfield, Ohio for a period of nine years prior to Father's retention of the minor child in Malta.*

*2. The minor child shall be returned to the United States forthwith.*

*3. Father may file and this court will exercise jurisdiction, as appropriate and necessary, to consider any pleadings Father fires to Modify the current parenting plan but such hearing shall take place in the United States Courts.*

*4. Fathers' objections and exceptions to this ruling and order are noted.*

*5. The clerk is directed to send attested copies of this order to the parties through their respective counsel, Elgine Heceta McArdle, Esquire (counsel for petitioner) at McArdle Law Office, 2139 Market Skeet, Wheeling, WV 26003 and to Walter Angelini, Esquire, Angelini Law Offices, 3067 Pennslvania Avenue, Weirton, WV 26062, and by facsimile transmission."*[9]

Ikkunsidrat;

**IL-MERTU TAL-KAWZA**.

L-attur f'din il-kawza, id-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali [aktar 'il quddiem imsejjah 'id-Direttur'], huwa l-entita' desinjata bhala l-Awtorita' Centrali fl-ambitu tal-**Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri** iffirmata fl-Ajja fil-25 ta' Ottubru 1980 [aktar 'il quddiem imsejha 'l-Konvenzjoni'], ratifikata minn Malta fis-26 ta' Ottubru 1999 u inkorporata fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-**Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri** promulgat mill-Parlament Malti fl-1 ta' Awwissu 2000 (Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Artikolu 5 tal-Kap. 410** jipprovdi illi:-

"Il-funzjonijiet ta' awtorità ċentrali taħt il-Konvenzjoni għandhom jiġu esegwiti mid-Direttur responsabbli għall-welfare u kull applikazzjoni magħmula taħt il-Konvenzjoni minn jew fl-isem ta' persuna barra minn Malta tista' tiġi indirizzata lill-uffiċċju tad-Direttur responsabbli għall-welfare"

F'Marzu tas-sena kurrenti 2017 id-Direttur irceva minghand l-Awtorita' Centrali fl-Istati Uniti applikazzjoni iffirmata minn E F, omm il-minuri D, sabiex jigu istitwiti proceduri kontra l-intimat A Andre' B C, missier il-minuri, peress li l-omm allegat illi l-missier kien qed jirritjeni illegalment lill-minuri hawn Malta wara li zmien tal-vizita tal-minuri f'Malta kien spicca fi Frar 2017.

Fit-2 ta' Gunju 2017 id-Direttur intavola l-kawza odjerna kontra l-missier fejn qed jitlob ir-ritorn tal-minuri ghand ommu fl-Istati Uniti.

Il-konvenut qed jilqa' ghat-talba tad-Direttur billi ressaq diversi eccezzjonijiet:-

[9] Fol. 269

1. Ir-ritenzjoni tal-minuri gewwa Malta ma tistax titqies bhala wahda illecita ghaliex fi proceduri ta' medjazzjoni li kien fetah hawn Malta kien ottjena digriet moghti fit-2 ta' Frar 2017 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn gie awtorizzat li l-minuri jibda jirrisjedi b'mod permanenti ma' missieru hawn Malta.

2. Il-minuri kien espost [fl-Istati Uniti] ghal hsara psikologika li ppregudikat l-izvilupp tieghu.

3. Hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri lejn l-Istati Uniti ser jesponih ghal dannu psikologiku kif ukoll li iqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

4. Hija x-xewqa espressa tal-minuri illi jibqa' hawn Malta.

**IL-KUNTEST LEGALI.**

**LIGI INTERNAZZJONI**

**Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri tal-1980**

**Artikolu 3**

Ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni ta' minuri għandhom jitqiesu bħala illeċiti meta –

(a) dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja, vestiti f'persuna, istituzzjoni jew enti oħra, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ritenzjoni;

(b) filwaqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni dawk id-drittijiet kienu attwalment eżerċitati, jew konġuntement sew singolarment, jew kienu jkunu hekk eżerċitati kieku ma kienx għar-rimozzjoni jew għar-ritenzjoni.

Id-drittijiet ta' kustodja imsemmija fis-subparagrafu (a) hawn aktar qabel jistgħu joriġinaw b'mod partikolari mill-operat tal-liġi jew bis-saħħa ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi ta' dak l-Istat.

**Artikolu 12**

Meta minuri jkun tneħħa jew inżamm b'mod illeċitu skont l-Artikolu 3 u, fid-data tal-bidu tal-proċedimenti quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-minuri , ikun għadda perjodu ta' inqas minn

sena mid-data tar-rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita, l-awtorità li tkun għandha tordna r-ritorn tal-minuri biex dan isir minnufih.L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, ukoll meta il-proċedimenti jkunu inbdew wara li jkun għalaq il-perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu ta' qabel, għandha tordna wkoll ir-ritorn tal-minuri kemm-il darba ma jiġi x pruvat li l-minuri jkun issa adatta ruħu fl-ambjent ġdid tiegħu.

Meta l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest ikollha għaliex tissuspetta li l-minuri jkun ittieħed fi Stat ieħor, din tista' twaqqaf il-proċedimenti jew tiċħad l-applikazzjoni għar-ritorn tal-minuri.

**Artikolu 13**

Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu ta' qabel, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti oħra li topponi r-ritorn iġġib prova li –

(a) il-persuna, istituzzjoni jew enti oħra li jkunu vestiti bil-kura tal-persuna tal-minuri ma kienux attwalment qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet tal-kustodja fiż-żmien meta jkun tneħħa jew inżamm il-minuri jew li taw il-kunsens tagħhom jew sussegwentement baqgħu siekta għar-rimozzjoni jew ritenzjoni tal-minuri; jew

(b) jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u jkun laħaq età u livell ta' maturità li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu.

Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-isfond soċjali tal-minuri kif provduta mill-Awtorità Ċentrali jew minn xi awtorità kompetenti oħra tal-post fejn ikun soltu joqgħod il-minuri.

**LIGI NAZZJONALI**

**Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri - Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Artikolu 3

(1) F'din it-Taqsima ta' dan l-Att "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'L-

Ajja fil-25 ta' Ottubru, l980, u li l-Artikoli rilevanti tagħha qegħdin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet al-Konvenzjoni li qegħdin fl-Ewwel Skeda għandhom jkollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta.

Artikolu 4.

(l) Għall-finijiet tal-Konvenzjoni kif għandha s-saħħa ta' liġi f'Malta taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, l-Istati Kontraenti minbarra Malta għandhom ikunu dawk li fiż-żmien li jkun jiġu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin b'ordni fil-Gazzetta taħt dan l-artikolu.

(2) L-imsemmi ordni għandu jispeċifika d-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn Malta u l-Istat speċifikat fih; u, ħlief fejn l-ordni jipprovdi xort'oħra, il-Konvenzjoni għandha tapplika bejn Malta u dak l-Istat biss għal każijiet ta' trasferiment illegali jew ritenzjoni ta' minuri li jokkorru f'dik id-data jew wara dik id-data.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**.

**IL-FUNZJONI TAL-QORTI F'KAWZI TA' SEKESTRU JEW RITENZJONI ILLECITA TA' MINURI.**

Qatt ma hu bizzejjed jigi sottolineat illi f'kawza bhax-xorta li ghandha quddiema din il-Qorti, ma hux il-kompitu tal-Qorti li tiddeciedi minn miz-zewg genituri huwa l-aktar wiehed jew wahda idonea li trabbi lill-minuri. Lanqas ma hu moghti lill-Qorti is-setgha f'dawn il-kawzi li tiddeciedi x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri, jigiex imrobbi minn genitur jew mill-genitur l-iehor.

Ma hux il-kompitu tal-Qorti tal-Familja f'kawzi ta' ritorn wara sekwestru jew ritenzjoni illecita ta' minuri, li tiddeciedi il-futur tal-minuri kif isir fil-maggorparti tal-kawzi l-ohra li jikkoncernaw minuri. Fil-kawzi li jaqghu taht il-Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta. il-kompitu tal-Qorti huwa ferm aktar ristrett ghaliex kull ma trid taghmel il-Qorti huwa li tistabbilixxi jekk hemmx l-estremi tas-sekwestru jew tar-ritenzjoni illecita ta' minuri, u f'kaz affermat, jekk japplikawx xi wahda jew

aktar mill-eccezzjonijiet li, jekk ippruvati sodisfacentement, jintitolaw lill-Qorti tirrifjuta li tohrog ordni ta' ritorn.

Dan l-aspett huwa kristallizzat fl-**Artikolu 19 tal-Konvenzjoni** li jipprovdi illi:

*"Deċiżjoni li tittieħed taħt din il-Konvenzjoni dwar ir-ritorn ta' minuri m'għandhiex titqies bħala li tkun qed tiddeċiedi wkoll il-mertu ta' xi kwistjoni dwar il-kustodja."*

Fil-kaz fl-ismijiet **B vs UK (Child Abduction** (1993) 1 FCR 382 (1993) (Fam. Law) 17, Mr. Justice Johnson J irritjena illi:-

*".....under the Hague Convention ... it is no part of my function to decide where the long term future of these children lies. Indeed, Article 19 of the Convention provides that a decision under the Convention concerning the return of a child shall not be taken to be a determination on the merits of any custody issue. In Re F (1991) 1 FLR at page 5 Lord Justice Neill said:*

*The general principle is that in the ordinary way any decision relating to the custody of children is best decided in the jurisdiction in which they have normally been resident. The general principle is an application of the wider and basic principle that the child's welfare is that first and paramount consideration."*

Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea kellha dan xi tghid fir-rigward tal-kompetenza tal-Qrati f'kawzi rigwardanti l-Konvenzjoni tal-Ajja:-

*"Such an action, whose object is the return, to the Member State of origin, of a child who has been wrongfully removed or retained in another Member State, does not concern the substance of parental responsibility and therefore has neither the same object nor the same cause of action as an action seeking a ruling on to parental responsibility (see judgment in Purrucker, C-296/10, EU:C:2010:665, paragraph 68). Further, according to Article 19 of the 1980 Hague Convention, a decision under that convention concerning return is not to be taken to be a determination on the merits of any custody issue [**referenza preliminari numru C-376/14 PPU (C v M)** moghtija fid-9 ta' Ottubru 2014].*

## RESIDENZA ABITWALI TAL-MINURI.

Id-Direttur qed jitlob lill-Qorti tordna ir-ritorn tal-minuri D gewwa l-Istati Uniti ghand ommu ghaliex jallega li l-missier qed jirritjeni lill-minuri hawn Malta b'mod illecitu.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-minuri gie hawn fl-ahhar ta' Novembru 2016 bi ftehim bejn il-partijiet peress li l-minuri jirrisjedi ma' ommu gewwa l-Istati Uniti b'access kif mifthiem bejn il-partijiet ma' missieru li jghix hawn Malta.

Ma hux kontestat mill-intimat illi f'Novembru 2016 il-minuri kellu r-residenza abitwali tieghu fl-Istati Uniti.

Jirrizulta illi skont il-ftehim dwar kura, kustodja, residenza u access tal-minuri milhuq bejn il-partijiet permezz ta' ftehim bil-miktub iffirmat fit-13 ta' April 2010 iz-zewg genituri ftehmu inter alia illi l-minuri jirrisjedi mal-omm gewwa l-Istati Uniti b'access annwali favur il-missier residenti hawn Malta liema perijodu ta' access ikun bejn xahrejn u tlett xhur. Kif gia' rajna dan il-ftehim gie approvat sew mill-Qorti Amerikana kif ukoll dik Maltija u inkorporat f'sentenza ta' separazzjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f'Malta fit-30 ta' Gunju 2010 kif ukoll f'Ordni ta' Divorzju mahrug mill-Qorti tal-Familja gewwa Tyler County, West Virginia fl-10 ta' Dicembru 2010.

L-imsemmi ftehim gie ffirmat mill-partijiet fl-Istati Uniti meta l-omm kienet gia' qeghda tirrisjedi mal-minuri hemmhekk u wara li l-missier kien istitwixxa quddiem il-Qorti Amerikan proceduri kontra l-omm dwar htief tal-minuri liema proceduri gew sussegwentement minnu irtirati.

Isegwi ghalhekk illi bhala stat ta' fatt gie ppruvat sodisfacentement illi qabel sehhew l-avvenimenti mertu tal-kawza odjerna il-minuri kellu r-residenza abitwali [habitual residence] tieghu fl-Istati Uniti.

## SEKWESTRU JEW RITENZJONI ILLECITA

Hu pacifiku illi meta f'Novembru 2016 il-minuri gie hawn Malta akkumpanjat mill-missier, dan it-tragitt sehh bi ftehim bejn il-partjiet.

Ma hux lanqas kontestat illi dak il-ftehim bejn iz-zewg genituri kien jinkludi id-data tar-ritorn, u cioe' l-1 ta' Frar 2017.

Minn ezami tal-provi kollha migjuba jirrizulta sodisfacentement illi l-missier kien gia' ppjana minn qabel illi matul il-vizita f'Malta tal-minuri bejn Novembru 2016 u Jannar 2017 huwa kien ser jistitwixxi proceduri quddiem il-Qrati Maltin sabiex jipprova jzomm lill-minuri milli jmur lura lejn l-Istati Uniti. B'dan il-hsieb f'mohhu u minn qabel ma l-minuri wasal Malta, l-missier inkariga psikologa sabiex mal-wasla tal-minuri f'Malta taghmel analizi psikologika tal-minuri.

Kien ghalhekk illi fid-9 ta' Dicembru 2016, u cioe’ ftit jiem wara li l-minuri wasal Malta, il-missier istitwixxa proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) f’Malta fejn talab li jibda process ta’ medjazzjoni biex eventwalment jigi awtorizzat jiftah kawza ghall-kura u kustodja tal-minuri.

Jirrizulta mill-atti tal-medjazzjoni, illi fit-18 ta’ Jannar 2017 l-intimat ipprezenta rikors fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-minuri jibda jattendi skola hawn Malta. Wara li l-Avukat tat-Tfal ipprezentat ir-rapport taghha fl-1 ta’ Frar 2017 , din il-Qorti diversament presjeduta tat digriet fit-2 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-minuri jibda jattendi skola hawn Malta pendenti l-ezitu finali tal-proceduri u fl-istess digriet il-Qorti ordnat li l-minuri jibda jirrisjedi permanentement ma’ missieru hawn Malta. Minhabba dak id-digriet tat-2 ta’ Frar 2017 l-intimat jikkontendi illi ma jistax jitqies li zamm lill-minuri hawn Malta illegalment ghaliex kellu digriet tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tinnota illi dak id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta kien wiehed pendente lite moghti fi process ta’ medjazzjoni; meta omm il-minuri lanqas biss kienet konxja li l-missier fetah proceduri quddiem il-Qrati Maltin; meta l-kuraturi deputati appuntati sabiex jirraprezentaw lill-omm assenti minn dawn il-Gzejjer mhux biss lanqas kienu ghadhom ikkomunikaw mal-omm izda lanqas biss gew notifikati bir-rikors tal-missier sabiex jinghata l-kura u kustodja pendente lite; meta jirrizulta mill-kronologija tal-fatti illi l-missier lanqas kien ghadu informa lill-omm illi ma kienx behsiebu jibghat lill-minuri lura l-Istati Uniti.
Tant dak id-digriet li fuqu qed jistrieh l-intimat kien wiehed provvizorju illi din il-Qorti diversament presjeduta, b’digriet tat-13 ta’ Lulju 2017 cahdet definittivament it-talba tal-missier sabiex jinghata l-kura u kustodja pendente lite tal-minuri sakemm jinghalqu l-proceduri gudizzjarji. Bl-istess digriet giet michuda t-talba tal-missier sabiex pendente lite l-minuri jibqa’ jirrisjedi mieghu.

Isegwi ghalhekk illi fil-prezent ma hemm l-ebda digriet vigenti li jakkorda lill-missier il-kura u kustodja esklussiva fuq il-minuri.

Ikkunsidrat;

Kif rajna supra, ritenzjoni ta’ minuri ghandha titqies illecita meta:

“dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta’ kustodja, vestiti f’persuna, istituzzjoni jew enti oħra, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ritenzjoni” (Artikolu 3 (a) tal-Konvenzjoni).

"fil-waqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni dawk id-drittijiet kienu attwalment eżerċitati, jew konġuntement sew singolarment, jew kienu jkunu hekk eżerċitati kieku ma kienx għar-rimozzjoni jew għar-ritenzjoni" (Artikolu 3 (b) tal-Konvenzjoni).

Ma hemm l-ebda dubju illi fil-mument li l-missier iddecieda li ma jibghatx lill-minuri lura l-Istati Uniti l-omm kienet vestita, flimkien mal-missier, bid-drittijiet ta' kustodja fuq il-minuri liema drittijiet kienet tezercithom flimkien mal-missier. Dawn id-drittijiet ta' kustodja, fi kliem l-istess Konvenzjoni, kienu joriginaw bis-sahha ta' decizzjoni gudizzjarja u bis-sahha ta' ftehim.

Kif gie ritenut fil-kawza "**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali vs Michael Caruana**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Awissu 2008:-

"……il-Qorti tinnota li r-regolament in kwistjoni jolqot kemm *wrongful removal* kif ukoll *wrongful retention*, b'din tal-ahhar tavvera ruhha meta minuri li jkun barra mill-pajjiz tar-residenza ordinarja tieghu ghal perjodu temporanju, ma jigix ritornat lura f'gheluq dak il-perjodu. Il-protezzjoni, f'kull kaz, ghandha tintalab minn min ikollu "drittijiet ta' kustodja"........... "The general approach in determining this issue has been well summarised by **Dyson LJ in Hunter v. Murrow (Abduction: Rights of Custody).** The first task, the so called 'domestic law question', is to establish what rights, if any, the applicant had under the law of the state in which the child was habitually resident immediately before his or her removal or retention. This question is determined in accordance with the domestic law of that State and involves deciding what rights are recognised by that law and how these rights are characterised. The second task, the so-called 'Convention question', is to determine whether those rights are properly to be categorised as 'rights of custody'. This is a matter of international law and depends upon the application of the autonomous meaning of the phrase 'rights of custody' as understood by the English courts." …jew, fil-kaz taghna, mill-qrati ta' Malta."

L-intimat isostni illi ma jistax jinstab hati ta' ritenzjoni illecita ghaliex meta zamm lill-minuri hawn Malta wara li skada iz-zmien miftiehm ma' l-omm, huwa kien gia' ottjena digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta li awtorizzat lill-minuri jirrisjedi hawn Malta ma' missieru. Din il-Qorti pero' tqies tali ragunament bhala legalment infondat,

Jigi sottolineat illi kwalunkwe digriet li inghata fil-process ta' medjazzjoni kien digriet provvizorju hekk imsejjah pendente lite. L-iskop ta' digriet pendente lite huwa li provvizorjament jirregola sitwazzjonijiet li jehtigilhom attenzjoni b'urgenza peress li l-materja ma tkunx tista' tistenna l-ezitu finali tal-kawza. Difatti l-istess Konvenzjoni taghti l-fakolta' lill-Qorti fejn ikun qed jinstema kaz

ta' sekwestru ta' minuri li taghti provvedimenti provvizorji. Id-digriet li irnexxielu jottjeni l-intimat waqt il-process ta' medjazzjoni ma jistax jitqies li jezonera lill-intimat mill-agir premeditat tieghu li ma jibghatx lill-minuri lura ghand ommu fl-Istati Uniti.

Dak id-digriet, apparti l-osservazzjonijiet fir-rigward li ghamlet din il-Qorti supra, ghandu dejjem jitqies bhala digriet provvizorju sabiex jirregola sitwazzjoni urgenti pendenti l-ezitu finali tal-proceduri gudizzjarji. Fil-fehma tal-Qorti tali digriet ma jezonerax lill-intimat mir-responsabbilta' ta' ritenzjoni illecita ta' minuri. Ghaldaqstant il-:Qorti qed tiddeciedi illi l-intimat A B C huwa hati ta' ritenzjoni illecita tal-minuri D B.

Stabbilit illi l-intimat qed jirritjeni lill-minuri hawn Malta b'mod illecitu jonqos issa jigi ezaminat jekk japplikawx xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fil-Konvenzjoni fejn nonostante sejbien ta' sekwestru jew ritenzjoni illecita ta' minuri, l-Qorti xorta tkun gustifikata li ma tibghatx lill-minuri fil-pajjiz tar-residenza abitwali tieghu.

**META RITORN TA' MINURI JOHLOQ RISKJU KBIR LI SER JIGI ESPOST GHAL DANNU FIZIKU JEW PSIKOLOGIKU JEW IQEGHDU F'SITWAZZJONI INTOLLERABBLI.**

F'wahda mill-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut B C jeccepixxi illi hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri lejn l-Istati Uniti ser jesponih ghal dannu psikologiku kif ukoll li jqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

Din l-eccezzjoni hija msejsa fuq l-eccezzjoni kontemplata fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni li tistipula illi l-Qorti mhiex marbuta li tibghat lura minuri, anke jekk ikun instab li kien hemm sekwestru jew ritenzjoni illecita ta' minuri, kemm-il darba jigi ppruvat illi jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut jissottometti illi "... id-diffikultajiet li ghandu D ma humiex rizultat tal-fatt li huwa ma marx lura fil-kura ta' ommu anzi pjuttost huma frott l-incertezza li ghandu u l-biza li ghandu li jkollu jirritorna lura, u dan minhabba l-fatt li ma kienx kuntent gewwa l-Amerika, kemm minhabba l-izolament u n-nuqqas ta' esperjenzi normali inkluz attendenza fl-iskola, kif ukoll, u aktar fuq bazi emozzjonali, l-fatt li jaf li ser jigi mcahhad minn missieru u l-familjari tieghu gewwa Malta." Isemmi wkoll illi r-ritorn tal-minuri lejn l-Istati Uniti il-minuri ser ikollu "jerga' jadatta ghal ambjent gdid u skola gdida." Isostni illi ir-ritorn jista' jwassal "ghal dannu psikologiku kbir tenut kont l-istat psikologiku fragili tieghu."

Il-Qorti gharblet sew u fit-tul din l-eccezzjoni tal-konvenut, izda sabet li l-konvenut ma rnexxielux jissostanzjaha. Il-konvenut ghamel tista' tghid krucjata shiha ghaliex il-minuri ghamel sena 'home schooling' u mhux gewwa skola. Fil-fehma tal-Qorti dak li qed tirreferi ghalih il-Konvenzjoni bhala "dannu fiziku jew psikologiku" ma hux jekk minuri jmurx gewwa skola jew inkella l-edukazzjoni tiehu l-forma ta' 'home schooling' b'mod strutturat bis-supervizzjoni tal-Awtoritajiet Edukativi fl-Istati Uniti. Ma ngabu l-ebda provi illi l-omm ma hiex kapaci trabbi lill-minuri jew li tahqru jew li b'xi mod iehor ser tassoggettah ghal dannu fiziku jew psikologiku jekk jirritorna lura.

Ghal kuntrarju din il-Qorti thoss illi kienet verament azzjoni ingusta fil-konfront tal-minuri illi gie mcahhad minn hutu l-ohra li jirrisjedu ma' ommhom fl-Istati Uniti ghal zmien itwal minn dak miftiehem originarjament bejn il-partijiet sabiex D ikun jista' jigi jqatta ftit zmien ma' missieru.

Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar il-kondizzjoni li minnha jbati il-minuri D. Jekk hux xi forma ta' awtizmu, kif tirritjeni l-omm, jew inkella xi forma ta' ADHD u Dyslexia, kif jirritjeni l-missier. Matul dawn il-proceduri tressqu hafna provi fir-rigward miz-zewg nahat tant li l-Qorti anke innominat psikologa klinika bhala espert tal-Qorti sabiex taghti l-veduti esperti taghha fir-rigward.

Ghalkemm ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti li tinvestiga jekk it-taghlim li qed jircevi l-minuri gewwa l-Istati Uniti huwiex wiehed idoneu, irid jinghad illi l-esperti ex parte taz-zewg nahat taw bl-aktar mod dettaljat il-veduti taghhom dwar il-kondizzjoni tal-minuri. .Il-Qorti tittama illi dan l-ezercizzju jkun ta' gwida liz-zewg genituri sabiex jaghrfu jaraw x'inhu l-ahjar fl-interess suprem tal-minuri b'mod partikolari kif jista' jkun assistit bl-ahjar mod possibbli sabiex jigi mghejjun fid-dawl tal-kondizzjoni tieghu.

Jigi wkoll osservat illi din tal-'home schooling' kienet mizura temporanja ghal sena skolastika wahda u kien biss ghaliex il-missier iddecieda li jgib lill-minuri hawn Malta fil-bidu tas-sena skolastika 2016-2017 illi t-tifel ma regax beda jattendi l-iskola gewwa l-Istati Uniti. Tant hu hekk illi l-Principal ta' Woodsfield School, f'Ohio, f'ittra datata 20 ta' Lulju 2017 jikkonferma illi ghandu applikazzjoni pendenti sabiex il-minuri jibda jattendi dik l-iskola. Huwa evidenti illi li kieku l-minuri ma giex hawn Malta f'Novembru 2016 kien jibda jattendi l-iskola. Kien biss minhabba l-vizita tieghu hawn Malta li dan ma sehhx. Irid ukoll jinghad illi minn korrispondenza li ghaddiet bejn iz-zewg genituri, il-missier kien accetta li matul iz-zmien li t-tifel ikun hawn Malta ikompli bl-edukazzjoni tieghu sabiex ikun jista' jsir rapport u rendikont tax-xoghol li jkun ghamel it-tifel bl-iskop li meta jirritorna jerga' jibda jattendi l-iskola.

Pero' l-Qorti ma ssib xejn li jista' b'xi mod jikwalifika bhala riskju ta' hsara fizika jew psikologika kif kontemplat fil-Konvenzjoni jekk it-tifel kellu jirritorna ghand ommu gewwa l-Istati Uniti. Il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet dwar il-modalita' tal-edukazzjoni tat-tifel ma tinkwadrax ruhha la fil-kuntest ta' hsara fizika jew psikologika u lanqas f'sitwazzjoni intollerabbli kontemplati fil-Konvenzjoni.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-High Court of Justice Ingliz – Divizzjoni tal-Familja, fil-kawza ***Re E (Children Abduction Custody Appeal)*** **[2011]** 2 FLR at p.578,:

"First, it is clear that the burden of proof lies with the person, institution or other body which opposes a child's return. It is for them to produce evidence to substantiate one of the exceptions. There is nothing to indicate that the standard of proof is other than the ordinary balance of probabilities. But in evaluating the evidence the court will of course be mindful of the limitations involved in the summary nature of the Hague Convention process. It will rarely be appropriate to hear oral evidence of the allegations made under Article 13(b) and so neither those allegations nor their rebuttal are usually tested in cross-examination.

"Second, the risk to the child must be grave. It is not enough, as it is in other contexts such asylum, that the risk be real. It must have reached such a level of seriousness as to be characterised as grave. Although grave characterises the risk rather than the harm there is in ordinary language, a link between the two. Thus, a relatively low risk of death or really serious injury might properly be qualified as grave, while a higher level of risk might be required for other less serious forms of harm.

"Third, the words 'physical' or 'psychological harm' are not qualified. However, they do gain colour from the alternative or otherwise placed in an intolerable situation. As was said in *Re D*, intolerable is a strong word but when applied to a child must mean a situation which this particular child in these particular circumstances should not be expected to tolerate. Those words were carefully considered and can be applied just as sensibly to physical or psychological harm as to any other situation. Every child has to put up with a certain amount of rough and tumble discomfort and distress. It is part of growing up, but there are some things which it is not reasonable to expect a child to tolerate. Among these of course are physical or psychological abuse or neglect to the child itself. Among these also we now understand can be exposure to harmful effects as seeing and hearing the physical or psychological abuse of the other parent.

"Fourth, Article 13(b) is looking to the future, the situation as it would be if the child were to be returned forthwith to his home country. As has often been pointed out this is not necessarily the same as being returned to the person who

has requested the return, although of course it may be so if that person has the right so to demand. More importantly, the situation which the child will face on return depends crucially on the protective measures which can be put in place to secure that the child will not be called upon to face an intolerable situation when he gets home."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fit-3 ta’ Dicembru 2010 fl-ismijiet **Direttur ghal Standards fil-Harsien Socjali vs Anita Maria Horry** tghid hekk:-

*“biex minuri ma jintbghatx lura jrid ikun hemm ragunijiet gravi u impellenti li jiggustifikaw decizjoni simili. Kif intqal fl-kaz Re: H (Children) (Abduction\ deciza mill-Qori tal-Appell fl-Ingilterra:*

*The threshold to be crossed when an article 13 (b) defence is raised is a high one and difficult to surmount. Hence the courts in this country have always adopted a strict view of Article 13 (b). The risk must be grave and the harm must be serious. The courts are also anxious that the wrongdoer should not benefit from the wrong: that is, that the person removing the children should not be able to rely on the consequences of that removal to create a risk of harm or an intolerable situation on return. This is summed up, after a review of the authorities, in the words of Ward LJ in re C (Abduction: Grave Risk of Psychological Harm) [1999] 1 FLR 1145, 1154 cited by the judge in the present case:- "There is, therefore an established line of authority that the court should require clear and compelling evidence of the grave risk of harm or other intolerability which is measured as substantial. not trivial, and of a severity which is much more than is inherent in the inevitable disruption, uncertainty and anxiety which allows an unwelcome return to the jurisdiction of the court of habitual residence.”*

Fil-kawza **Direttur tad-Dipartiment ghal Satandards fil-Harsien Socjali vs Katya Vella Bamber** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-30 ta' Settembru 2016 ikkunsidrat illi

*Ma hemm xejn fl-atti li juri li, jekk it-tifel jigi ritornat lejn il-Belgju, se jsofri minn xi trawma ta' hsara kbira ghalih. Ovvjament, it-tifel zgar li qed ihossu konfuz b'dak li qed jigri, u n-nuqqas tal-genituri tieghu li jiftehmu dwaru u, aktar, li jonoraw dak li jkunu ftehmu fuqu, zgur li qieghed ihalli mpatt xejn sabih fuq il-minuri. Pero', din il-Qorti ma tistax torbot ma' din il-konfuzjoni f’mohh il-minuri biex tichad ir-ritorn, u fin-nuqqas ta' prova li r-ritorn tal-minuri lejn il-Belgju jista' johloqlu pregudizzju serju, pregudizzju li l-qrati tal-Belgju ma jkunux jistghu jahsbu ghalih, allura ma ghandux jinholoq intopp ghar-ritorn tal-minuri lejn il-gurisdizzjoni abitwali tieghu.”*

L-ilmenti u l-bizat tal-missier fir-rigward tal-edukazzjoni tal-minuri gewwa l-Istati Uniti bl-ebda mod ma jikwalifikaw bhala riskju kbir ta' dannu fiziku jew psikologiku jew li jpoggu lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli fit-termini tal-Konvenzjoni. Dak li minnu qed jilmenta l-intimat huwa mertu li ghandu jigi trattat f'kawza dwar il-kura u kustodja tal-minuri fil-Qorti fl-Istati Uniti fejn il-minuri ghandu r-residenza abitwali tieghu u mhux f'kawza tal-Konvenzjoni. Kien ikun ferm aktar responsabbli l-missier kieku minflok ma agixxa bil-mod li wassal ghal ritenzjoni illecita, adixxa l-Qrati Amerikani dwar il-preokkupazzjonijiet tieghu, kif kien ghamel b'success fil-passat.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.

**SMIEGH TAL-MINURI**.

Eccezzjoni ohra stipulata bl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni hi s-segwenti:-

*L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u jkun laħaq età u livell ta' maturità li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu*

Il-Qorti hi ghalhekk moghtija l-fakolta' li tirrifjuta li tordna r-ritorn jekk (1) il-minuri joggezzjona li jirritorna, u (2) il-minuri jkun lahaq eta' u livell ta' maturita' tali li l-fehmiet tieghu ghandhom jinghataw piz.

Fix-xoghol taghha "**The Hague Child Abduction Convention: A Crytical Analysis**" [ISBN: 978-1-84946-017-0: Hart Publishing - 2013] l-awtrici **Rhona Shuz** analizzat sitwazzjonijiet fejn minuri sekwestrat jew ritenut illegalment joggezzjona li jirritorna. Spjegat illi ma jistax wiehed jasal mill-ewwel ghall-konkluzzjoni illi r-rifjut tal-minuri huwa necessarjament rizultat ta' influwenza tal-genitur responsabbli mis-sekwestru jew ritenzjoni illecita tal-minuri. Jehtieg illi ir-ragunijiet li jaghti l-minuri ghaliex ma jridx jirritorna jigu ezaminati u evalwati b'mod oggettiv. Tghid hekk fir-rigward:-

"Whichever parent abducts, there is a risk that the abducting parent may alieanate the child against the left-behind parent either consciously or sub-consciously. Moreover, the lack of contact or very limited contact with the left behind parent is likely to increase the influence which the abductor has over the child. ............there may be objective reasons for the child's negative to the left-behind parent and his refusal to return." [pagna 69].

Huwa ghalhekk necessarju jigi ezaminat x'qal it-tifel dwar il-prospett li jmur lura ghand ommu fl-Istati Uniti.

Il-minuri instema mill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea f'Jannar 2017 fil-proceduri ta' medjazzjoni li istitwixxa l-missier ftit jiem wara l-wasla tal-minuri f'Malta. Il-kawza odjerna giet intavolata mid-Direttur fit-2 ta' Gunju 2017.

Fir-rapport taghha Dr Galea spjegat li ltaqghet mal-minuri wahdu u mhux fil-presenza ta' missieru. Irrelatat illi il-minuri stqarr illi meta jkun hawn Malta ma' missieru jkun aktar kuntent milli meta jkun ma' ommu gewwa l-Istati Uniti. Irrelatat li l-minuri qalilha li ma jixtieqx imur lura l-Amerika u li jiddejjaq jekk xi hadd isemmilu lil ommu jew l-Amerika. L-Avukat tat-Tfal qalet ukoll li l-minuri ma jimmissjax lil ommu u li uza kliem ibes fil-konfront taghha bhal: "she lies to me", "she tries to trick me", "she never lets me communicate with dad". Fir-rapport taghha l-Avukat tat-Tfal tghid ukoll "Illi D huwa mdejjaq hafna l-Amerika anke ghax ommu assolutament tirrifjuta li tibaghtu skola."

Dak li l-minuri qal lill-Avukat tat-Tfal jikkuntrasta sew ma' dak li jirrizulta fl-atti tal-kawza odjerna. Fil-mori tal-proceduri l-omm ottjeniet il-permess li tikkomunika regolarment mal-minuri permezz ta' sejhiet bi Skype. Dawn it-telefonati ghandhom il-vantagg illi apparti li tisma' l-vuci tal-persuna fuq in-naha l-ohra, tara wkoll 'live' lill-persuna li maghha qed titkellem.

Gew ezebiti mid-Direttur sew ir-recordings kif ukoll estratti ta' traskrizzjonijiet ta' konverzazzjonijiet telefonici bejn il-minuri D fuq naha u ommu u huh KillA fuq in-naha l-ohra li sehhew f'April u Mejju ta' din is-sena. Il-Qorti semghat il-playback ta' dawn il-konversazzjonijiet li assolutament ma jaqblu xejn ma' l-istampa li jaghti il-minuri meta tkellem mal-Avukat tat-Tfal. F'wahda minn dawn il-konversazzjonijiet D jghid "I want you to know I'll be coming there soon. Because the year's almost over, it's already been like 100 something days. So I'll be there in like 200 something days. Okay?"

Jidher car mill-kontenut tal-konversazzjonijiet bejn D, ommu u huh illi hemm relazzjoni tajba hafna u certament ma jistax jinghad illi hemm xi rezistenza li l-minuri jmur lura lejn l-Istati Uniti. Ghal kuntrarju juri ix-xewqa illi jirritorna ma jdumx.

Il-Qorti ma tridx tispekula ghaliex din id-differenza bejn dak li l-minuri qal lill-Avukat tat-Tfal ftit gimghat wara li kien ilu hawn Malta, u l-kontenut tal-konversazzjonijiet bejn il-minuri u ommu wara li kien gia' ilu hawn Malta ghal diversi xhur. Irid jinghad li l-minuri ghad ghandu disa' (9) snin u ghalhekk filwaqt li meta nstema' mill-Avukat tat-Tfal kien ilu biss ftit gimghat 'il boghod minn ommu u hutu, f'April u Mejju kienu ghaddew diversi xhur.

Il-Qorti ma hiex ser toqghod tispekola ghaliex f'Jannar 2017 il-minuri tkellem mal-Avukat tat-Tfal b'mod tant negattiv kontra ommu filwaqt li f'Mejju 2017

jistqarr ma' ommu li jixtieq jerga' lura. M'hemmx dubju illi l-minuri D qed ihoss in-nuqqas sew ta' ommu kif ukoll ta' hutu, u huwa evidenti illi aktar ma jghaddi zmien aktar dan is-sens ta' nuqqas qed jikber.

Il-Qorti wkoll kienet bil-hsieb li tisma' lill-minuri *in camera*. Irrizulta pero' li meta l-missier wassal lill-minuri hdejn il-bieb tal-kamra fejn kien ser jinstema il-minuri, il-minuri wera ix-xewqa' li ma jidholx u ghalhekk gie deciz illi ma jigix sfurzat.

Il-Qorti qieset ukoll mhux biss l-eta' tal-minuri, disa' snin, izda wkoll il-kondizzjoni tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex ir-ritorn ma jigiex ordnat minhabba xi rezistenza da parti tal-minuri.

Din l-eccezzjoni tal-intimat qed tigi wkoll respinta.

**IL-VJAGG TA' RITORN**.

B'rikors tat-18 ta' Awwissu 2017 l-Avukat Chris Frendo informa lill-Qorti illi fis-seduta li jmiss omm il-minuri ser tkun hawn Malta u talab li l-missier jiddepozita l-passaport tal-minuri fl-atti tal-Qorti. Fir-risposta tieghu il-missier spjega illi l-passaport tal-minuri gia' jinsab depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 143/17RGM.

**KONKLUZZJONIJIET.**

1. Gie sodisfacentement ippruvat illi l-minuri gie mizmum b'mod illecitu mill-missier gewwa Malta bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja tal-omm.

2. L-Istati Uniti huwa l-pajjiz fejn il-minuri D ghandu r-residenza abitwali tieghu.

3. L-ebda wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma giet sostanzjata.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

1. Tordna r-ritorn immedjat tal-minuri D Michael B C lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika akkumpanjat minn ommu spejjez tal-vjagg tal-minuri a karigu tal-intimat.

2. Tordna lill-Awtoritajiet Edukattivi f'Malta sabiex minghajr dewmien jipprovdu lill-Avukat tal-omm, Dr Chris Frendo, bid-dokumenti kollha necessarji sabiex jigu mghoddija lill-Awtoritajiet Edukativi fl-Istati Uniti ghall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-progress edukattiv tal-minuri.

3. Tirrakkomanda liz-zewg genituri sabiex fl-ahjar interess tal-minuri jvaraw process ta' medjazzjoni internazzjonali bil-partecipazzjoni ta' medjaturi tal-familja fiz-zewg gurisdizzjonijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**